# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-31 ta' Jannar 2024**

**Talba nru. 114/2022 IS**

**GO p.l.c. (C 22334)**

***VERSUS***

**MIV PROJECTS LIMITED (C 47248)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' April 2022 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ elf erba' mija u tmenin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1480.63) rappreżentanti servizzi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta, u liema kont għandu n-numru 40913541.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tas-6 ta' Mejju 2022 fejn is-soċjeta´ attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika tas-soċjeta' konvenuta (a fol. 17).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata fis-17 ta' Mejju 2022 (a fol. 21).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fit-8 ta' Ġunju 2022 (a fol. 23).

Ra illi skond il-verbal datat 13 ta' Ġunju 2022, it-Tribunal laqa' t-talba tas-soċjeta' konvenuta sabiex il-proċeduri f'din it-talba jitkomplew bil-lingwa Ingliża b'dan illi pero' it-Tribunal fl-istess verbal iddikjara illi s-sentenza ser tingħata bil-lingwa Maltija (a fol. 24).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar illi s-soċjeta' attriċi u s-soċjeta konvenuta iffirmaw ftehim bejniethom sabiex is-soċjeta' attriċi tipprovdi s-servizz ta' SIP Trunk lis-soċjeta' konvenuta, u liema ftehim hu datat 22 ta' Awwissu 2019 (a fol. 3 sa 5).

Id-diżgwit bejn il-partijiet hu minħabba l-kontijiet li rċeviet is-soċjeta' konvenuta in konnessjoni mat-tali ftehim hawn fuq imsemmi, hekk kif ser ikun diskuss f'iktar dettal hawn isfel.

Il-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta

Qabel xejn, dan it-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' konvenuta ġet innotifikata bl-avviż tat-talba fis-17 ta' Mejju 2022 (a fol. 21) u ppreżentat ir-risposta tagħha fit-8 ta' Ġunju 2022 (a fol. 23), u b'dan illi allura l-ewwel argument illi għandu jitqies hu jekk hux is-soċjeta' konvenuta setgħetx titqies kontumaċi *stante* illi ma ppreżentatx ir-risposta tagħha fi żmien tmintax-il ġurnata, hekk skond il-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 regolament 4.

Biss pero´, dan it-Tribunal jinnota wkoll illi l-elementi neċessarji sabiex jkun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopard***i deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990 fejn il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza.*"

F´dan il-każ hu ċar mill-proċess illi s-soċjeta' konvenuta, *tramite* r-rappreżentanza legali tagħha, attendiet mill-ewwel seduta b´dan illi l-kontumaċja allura ma daħlitx fis-seħħ u anke s-soċjeta' attriċi qatt ma qajmet l-argument li tali soċjeta' konvenuta setgħet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

L-Azzjoni tas-Socjeta´ Attriċi

Fit-talba tagħha, is-socjeta´ attriċi ippreżentat il-ftehim iffirmat bejn is-soċjeta attriċi u s-soċjeta' konvenuta u wkoll *statement* illi juri fost oħrajn l-konsum mis-soċjeta' konvenuta bejn l-1 ta' Settembru 2019 u l-1 ta' Diċembru 2020 (a fol. 2 *et seq*).

L-ewwel punt illi dan it-Tribunal ser jiddiskuti hu fir-rigward tal-ftehim illi kien hemm bil-partijiet datat 22 ta' Awwissu 2019. Għar-rigward tal-ftehim, dan it-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' konvenuta ffirmat ftehim bir-rati mas-soċjeta' attriċi minn jeddha, u liema kuntratt jinsab a fol. 3 sa 5. Is-soċjeta' konvenuta ittentat tgħid illi r-rati li kienu ġew murija lilha minn rappreżentant tas-soċjeta' attriċi huma kemmxejn differenti minn dawk tal-ftehim minnha ffirmat, u liema dokument hu hekk ippreżentat mis-soċjeta' konvenuta a fol. 41, b'dan illi pero' s-soċjeta' konvenuta kienet hi nnifisha, *tramite* r-rappreżentant ta' tali soċjeta', illi ffirmat il-ftehim u anke mliet il-mistoqsijiet fuq it-tali ftehim, b'dan illi dan it-Tribunal hu konvint illi tali ftehim hu validu bejn il-partijiet skond il-Liġi. Is-soċjeta' konvenuta ma ġabet ebda prova tanġibbli illi setgħet tikkonvinċi lit-Tribunal illi r-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta ma kienx jaf x'inhu jiffirma, iktar u iktar meta l-ftehim kien bil-lingwa Ingliża u jidher ċar minn dan il-proċess illi r-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta jifhem perfettament bil-lingwa Ingliża u anke meta tali rappreżentant tas-soċjeta konvenuta kkonferma

fix-xhieda tiegħu illi l-firma fuq il-ftehim li hu datat 22 ta' Awwissu 2019 hija tiegħu (a fol. 38).

Għaldaqstant, ġjaladarba tali ftehim hu validu bejn il-partijiet, ir-rati u l-kundizzjonijiet li jridu jgħoddu bejn il-partijiet huma tal-ftehim datat 22 ta' Awwissu 2019.

It-tieni punt illi ser ikun diskuss hu x'kienu l-obbligi tas-soċjeta' attriċi lejn is-soċjeta' konvenuta a bażi tal-ftehim datat 22 ta' Awwissu 2019. Il-ftehim bejn il-partijiet kien illi s-soċjeta' attriċi kellha tipprovdi biss dettalji tal-login u xejn aktar u liema dettalji tal-login ingħataw lis-soċjeta' konvenuta immedjatament u ċioe' fit-22 ta' Awwissu 2019, hekk kif jidher mill-email bejn il-partijiet u li tinsab a fol. 42. Fir-rigward tad-dettalji tal-login, is-soċjeta' konvenuta, mhux talli rċevithom, talli wkoll illoggjat, hekk kif ir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta Vladimir Petropoljac qal is-segwenti a fol. 39 u 40: 38:

"*The Tribunal: So you tried using the credentials*

*The Witness: Yes we did*

*The Tribunal: And you locked in?*

*The Witness: Yes and I locked in*"

B'dan illi s-soċjeta' attriċi ma kellhix tipprovdi xi apparat sabiex tali sevizz jiffunzjona u dan kif jidher mhux biss mill-ftehim datat 22 ta' Awwissu 2019 imma wkoll mix-xhieda datata 22 ta' Novembru 2022 tar-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta Vladimir Petropoljac fejn qal is-segwenti a fol. 39 u 40:

"*The Witness: I apologise. I did not explain myself. The equipment that was supposted to arrive was in the Cisco IP conference cnetre that has not a connectivity to various sources including GO.*

*Dr. Keith Grech: So it has nothing to do with GO. You were in to ordering this from GO or you would be expecting it from GO.*

*The Witness: I did not say that.*

*Dr. Keith Grech: ...lest clarify, you weren't waiting for this equipment to come to you from GO, right?*

*The Witness: No.*

*Dr. Keith Grech: So GO had no responsibility towards you to provide you the ... equipment, correct?*

*The Witness: No.*

*Dr. Keith Grech: Correct?*

*The Witness: Correct, yes.*"

B'dan illi juri ċar illi s-soċjeta' attriċi wettqet l-obbligi kollha tagħha lejn is-soċjeta' konvenuta.

Fl-istess xhieda tat-22 ta' Novembru 2022, Vladimir Petropoljac ittenta wkoll jgħid illi hu stenna li jkollu konnettivita' li taħdem, b'dan illi pero' xehed a fol. 40 illi ma staqsa għal ebda għajnuna min-naħa tas-soċjeta' attriċi u jidher illi tali xogħol anqas biss kien jispetta lis-soċjeta' attriċi illi tagħmlu *stante* illi kif diġa' innota dan it-Tribunal iktar 'il fuq, xogħol is-soċjeta' attriċi kien biss illi tipprovdi d-dettalji tal-login, u li kienu ġew ipprovduti.

L-aħħar punt ta' kontestazzjoni allura jqum dwar il-ħlas illi s-soċjeta' konvenuta hi dovuta lis-soċjeta' attriċi b'dan illi allura punt ieħor ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet hu l-*istatement* ippreżentat mis-soċjeta' attriċi. Ġjaldarba dan it-Tribunal hu konvint illi l-ftehim bejn il-partijiet datat 22 ta' Awwissu 2019 hu validu u s-soċjeta' attriċi wettqet l-obbligi tagħha, is-soċjeta' konvenuta trid tħallas dak li hu dovut lis-soċjeta' attriċi skond it-tali ftehim. Fix-xhieda tagħha datati 19 ta' Ottubru 2023 (a fol. 63 u 64) u dik datata 23 ta' Novembru 2023 (a fol. 66 u 67), Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi, spjegat ċar illi kien hemm tariffa bażika kull xahar, kien hemm il-konsum kull xahar min-naħa tas-soċjeta' konvenuta, anke jekk tali soċjeta' ittentat tgħid li ma kienx hemm konsum, u kien hemm ukoll il-penali attribwita skond il-ftehim bejn il-partijiet datat 22 ta' Awwissu 2019. Tali Tribunal jemmen illi kien hemm konsum min-naħa tas-soċjeta' konvenuta għaliex l-ewwelnett, kull xahar l-ammont kien qed ivarja skond l-i*statement* ippreżentat mis-soċjeta' attriċi u t-tieni nett iktar u iktar peress illi mis-sena 2019 żgur illi s-soċjeta' konvenuta kienet tikkuntattja lis-soċjeta' attriċi u tara x'jista' jsir mit-tali ftehim jekk tali soċjeta' kienet qiegħda tħoss illi tali ftehim kien inutli bejn il-partijiet, mhux ikkomunikat biss mas-soċjeta' attriċi f'Settembru 2019 (a fol. 43) u qatt ma nfurmat lis-soċjeta' attriċi illi xtaqet twaqqaf tali ftehim jew turi xi forma ta' dispjaċir bis-servizz mogħti lilha mis-soċjeta' attriċi.

Meta t-Tribunal ra t-tali xhieda ta' Maryanne Camilleri, il-ftehim hawnhekk imsemmi illi kien hemm bejn il-partijiet u l-is*tatement* ippreżentat mis-soċjeta' attriċi, dan it-Tribunal hu konvint fuq bażi ta' probabbilita', illi s-soċjeta' konvenuta trid tħallas lis-soċjeta attriċi l-ammont ta' erba' mija u tmenin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1480.63).

Jidher minn tali xhieda u dokumentazzjoni hawnhekk imsemmija illi l-ammont ta' ħlas fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u tletin Ewro u ħdax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 638.11) illi kien intbagħat lis-soċjeta' konvenuta fit-23 ta' Ottubru 2020 (a fol. 45) ma kienx jinkludi l-penali kollha tal-ftehim fit-totalita' tiegħu u dan għax meta tqis illi l-ftehim datat 22 ta' Awwissu 2019 jipprovdi s-segwenti "*If you terminate the Agreement during the minimum term, or if the Agreement is terminated by Us for any reason directly attributable to You (including non or late payment of amounts due), You shall pay an early termination fee equal to the remaining monthly tariff rental fees*" (a fol. 5) u liema ftehim kien għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar. Tali ftehim kien itterminat erbatax-il xahar qabel u liema fee bażika fix-xahar kienet tammonta għal sittin Ewro u tmintax-il ċenteżmu tal-Ewro (a fol. 4 u 5 , liema fee bażika hi lil hinn mill-fatt jekk isirx konsum jew le, illi allura l-penali tammonta fit-totalita' tagħha għal tmien mija u tnejn u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 842.52), hekk kif inhu indikat fuq l-i*statement* ippreżentat mis-soċjeta' attriċi (a fol. 2). Dawn l-erbatax il-xahar bdew jgħoddu minn Lulju tas-sena 2020 sa Awwissu tas-sena 2021 b'dan illi għalhekk Lulju 2020 hu immarkat bħala zero fuq dan l-imsemmi *statement*.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi għall-ammont ta' elf erba' mija u tmenin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1480.63) rappreżentanti servizzi mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta, u liema kont għandu n-numru 40913541, bl-imgħax li jibda' jiddekorri mit-19 ta' Diċembru 2020 *stante* illi tali somma dovuta kellha titħallas mis-soċjeta' konvenuta sat-18 ta' Diċembru 2020 skond l-i*statement* illi jinsab a fol. 2 u kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali bin-numru 592/21 u liema kopja tinsab ukoll fil-proċess a fol. 10, flimkien ma' traduzzjoni tal-istess ittra uffiċċjali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta' konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur